**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, l-10 ta' Novembru 2021**

**Rikors Numru : 146/2020 JPG**

**Kawza Numru : 10**

**AE**

**Vs**

**SE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AE, datat 14 ta' Gunju 2020, a fol 1 li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hmistax t'Awwissu tas-sena elf, disa' mija u tnejn u disghin (15.08.1992) u miz-zwieg taghhom twieldu tliet ulied, GE li twieled f'X u tewmin KW u SE li twieldu f'Y.*

2. *Illi l-partijiet ilhom bi proceduri pendenti ghall-iktar minn erba' snin;*

3. *Illi mill-provi ser jirrizulta li l-partijiet m'ghandhomx investimenti u ammonti sostanzjali fil-banek, filwaqt li entrambi huma impjegati. Fil-fatt il-mara tahdem bhala phlebotomist gewwa l-Oncology Section fi hdan Sir Anthony Mamo, filwaqt li r-Ragel jahdem bhala welder mal-privat;*

4. *Jirrizulta u mhux kontestat illi l-konvenut qed jivversa biss Eur 200 li jinkludi kollox bhala manteniment ghall-bint KE li ghadha studenta fuq bazi full time,*

*filwaqt li l-ispejjez kollha qed terfahom l-Omm;*

5. *Illi l-kontestazzjoni tal-kawza odjerna hija fuq id-dar matrimonjali, stante li l-konvenut jallega li din hija tieghu biss, pero` kif anke rrizulta mix-xhieda moghtija mir-Rapprezentant tal-Awtorita` tad-Djar fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2021, il-partijiet xtraw il-propjeta` in kwistjoni permezz tal-iskema tal-gharajjes u fil-fatt il-esponenti agixxiet ta' presta nome u ghalhekk hija ghandha sehem mill-istess fond ukoll;*

6. *Illi ormai l-esponenti ilha li harget mid-dar matrimonjali ghal xhur shah u dan minhabba episodji ta' vjolenza domestika kommessi minn zewgha kemm fuqha u kemm fuq l-ulied u dan kif anke rrizulta fix-xhieda moghtija mill-Haddiema Socjali fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2021;*

7. *Illi l-esponenti llum qed tghix f'post bil-kera minghand l-Awtorita` tad-Djar, f'kirja li originarjament kienet tghajjat lill-Ommha li giet nieqsa xi zmien ilu. Jirrizulta wkoll illi l-bint SE llum hija gravida u ghandha ghaxar gimghat tqala;*

8. *Illi ghalhekk l-esponenti tixtieq li tirranga l-post fejn hija qed tghix prezentament, biex il-bint SE tibda tabita maghha u tkun komda, b'kamra kemm ghaliha u kemm ghat-tarbija li gejja fid-dinja; madanakollu kwalsiasi benefikati li ser tkun qed taghmel l-esponenti, l-intimat ser ikollu sehem minnhom u huwa ghalhekk li l-esponenti qed tipprosegwi f'din l-istanza;*

9. *Illi ghalhekk l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-disposittiv tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u qed titlob li dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-kontendenti;*

10. *Illi t-talba tal-esponenti bl-ebda mod ma tippregudika lill-konvenut, anzi l-esponenti tikkontendi illi huwa fl-interess taz-zewg partijiet li jkunu jistghu jagixxu f'atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel; liema hsieb gie anke kondiviz mill-Qorti tal-Appell fil-kaz* ***Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizz****i deciz fit-28 ta' Marzu 2014 fost hafna gurisprudenza ohra;*

11. *Illi f'dar-rigward, il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi:-*

*"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". **Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."**[1] (Emfasi Mizjuda);*

12. *Illi b'zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat ukoll illi l-konvenut fir-risposta guramentata tieghu m'oggezzjonax ghat-talba tal-esponenti ghax-xoljiment u t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u anke ressaq l-istess talba fil-kontrotalba intavolata minnu u ghaldaqstant, hu m'ghandux ghalfejn jopponi ghall-istess talba imressqa permezz tar-rikors odjern;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-art. 55 tal-Kap 16, kif ukoll*

2. *tordna li l-istess ordni tigi nnotifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u timponi fuqu terminu, sabiex istess ordni tigi debitament registrata minn l-istess direttur.*

Rat li l-atti tar-rikors, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ta' ruhu b'notifikat bir-rikors de quo u bid-digriet ta' din il-Qorti fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2021 u ddikjara illi ma kellux oggezzjoni ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Di piu' l-partijiet ddikkjaraw li ma kellhomx sottomissjonijiet x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi

---

[1] Rik. Gur. 257/11, **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizz**i deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014

ghas-sentenza. (Vide fol 58);

Rat l-atti u d-dokumenti esebit kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza in parte wara talba maghmula mill-attrici permezz ta' rikors datat 14 ta' Gunju 2021 fejn talbet lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezisteni bejn il-partijiet u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "***Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.***"

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> "***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.***"

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> "***In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-***

> ***prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.***"

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici***

In vista tan-nuqqas ta' opposizzoni registrata seduta stante nhar il- 5 ta' Lulju 2021 mill-konvenut u tal-konferma tieghu illi m'huwiex ser isofri pregudizzju jekk il-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti tqis illi m'hemm ebda ostakolu sabiex it-talbiet tal-attrici jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikoli 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attrici.**

**Spejjez riservati ghall-vertenza finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**